II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1463

tat-12 ta' Ottubru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/1542 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ottubru 2018, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2018/1542.

(2) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/1542, il-Kunsill irreveda l-lista ta' persuni u entitajiet dežinjati li tinsab fl-Anness I għal dak ir-Regolament. Jenħtieġ li tiġi aġġornata entrata waħda fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2, kif stabbilita fl-Anness I għal dak ir-Regolament.

(3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

[1] ĠU L 259, 16.10.2018, p. 12.

ANNESS

L-entrata Nru 5 fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2 taħt is-subtitolu "A. Persuni fiżiċi", kif stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2018/1542, hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għad-dežinjazzjoni	Data tal-elenkar
"5. Said SAID	magħruf ukoll bħala: Saeed, Sa'id Sa'id, سعيد سعيد Titlu: Dottor, membru tal-Istitut 3000 (magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000) tal-SSRC; Sess: raġel; Data tat-twelid: 11 ta' Diċembru 1955	Said Said huwa figura sinifikanti fl-Istitut 3000 magħruf ukoll bħala l-Istitut 6000, it-taqsima tas-*Scientific Studies and Research Centre* (SSRC) responsabbli għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' armi kimiċi tas-Sirja.	21.1.2019".